



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0341/2010

25.11.2010

RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni (0000/2010 – C7-0000/2010 – 2010/2238(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: László Surján

PR_BUD_DAB

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	5
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	7

MOZZJONI GĦAL RI-OLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni (0000/2010 – C7-0000/2010 – 2010/2238(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, adottat b'mod definittiv fis-17 ta' Diċembru 2009²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba³,
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 9/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-13 ta' Ottubru 2010 (COM(2010)0577),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010, stabbilit mill-Kunsill fi ... 2010 (0000/2010 – C7-0000/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0341/2010),
- A. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010 għall-baġit ġenerali 2010 jkopri l-punti li ġejjin:
- il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont ta' EUR 66.9 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet li jikkonċernaw l-effetti taż-żerżiq tal-art u tal-għargħar serju fil-gżira ta' Madejra, fil-Portugall, u l-effetti tal-maltempata Xynthia fi Franza,
 - tnaqqis korrispondenti fl-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' EUR 66.9 miljun mil-linja 06 04 14 03 – Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku – Is-sistema Ewropea taż-żona tar-riħ lil hinn mill-kosta,

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU L 64, 12.3.2010.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

- B. billi l-għan tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2010,
1. Jieħu nota tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010;
 2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010 mingħajr emendi u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru x/2010 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tressaq abbozzi ta' baġits emendatorji jekk ikun hemm "ċirkustanzi li ma jistgħux jiġu evitati, li jkunu eċċezzjonali jew li ma jkunux prevedibbli".

Dwar il-punti differenti tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2010, ir-rapporteur għandu dawn il-kummenti li ġejjin:

1. Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea favur il-Portugall u Franza fuq il-bażi tal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba. Il-Ftehim Interistituzzjonali jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.

Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond huma mogħtija fid-dettall hawnhekk kif ukoll fir-Regolament tal-Kunsill Nru 2012/2002¹ li jstabbilixxi l-FSUE. Huwa importanti li jiġi nnotat li l-objettiv tal-Fond mhuwiex il-kumpens għal ħsara privata imma li tisewwa l-infrastruttura billi huwa għodda ta' rifinanzjament.

S'issa fl-2010 proposta waħda biss tressqet mill-Kummissjoni biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà, il-proposta tal-24 ta' Settembru 2010 biex jiġu mmobilizzati EUR 13.02 miljun wara għargħar kbir fl-Irlanda f'Novembru 2009 (COM(2010)0534).

L-awtoritajiet Portugiżi stmaw li l-ħsara diretta totali hija ta' EUR 1.08 biljun. Dan l-ammont huwa 0.68% tad-dħul gross nazzjonali (DGN) tal-Portugall. Peress li l-ħsara diretta totali stmata taqbeż il-limitu ta' 0.6% tad-DGN applikabbli għall-Portugall biex ikun mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali kbir" skont ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 li jstipula l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà u għaldaqstant jaqa' fil-qasam prinċipali ta' applikazzjoni tar-regolament.

L-awtoritajiet Franċiżi jistmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 1 425.43 miljun. Dan l-ammont huwa 41.12% tal-livell minimu normali applikabbli għal Franza biex jiġi mmobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà, li fl-2010 huwa ta' EUR 3 466.57 miljun (jiġifieri, EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002). Peress li f'dan il-każ il-ħsara totali tibqa' taħt il-limitu normali, l-applikazzjoni ġiet eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' dak magħruf bħala l-kriterju tad-"diżastru reġjonali straordinarju" stabbilit fl-Artikolu 2(2), subparagrafu finali, tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002. Skont dan il-kriterju, reġjun jista' eċċezzjonalment jibbenefika wkoll minn għajjnuna mill-Fond fejn dan jintlaqat minn diżastru straordinarju, prinċipalment wieħed naturali, li jaffettwa l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tiegħu, u li jħalli riperkussjonijiet serji u li jdumu fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun.

Id-deċizzjoni tal-mobilizzazzjoni hija s-suġġett ta' abbozz ta' rapport parallel li jirrakkomanda

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3-8.

li d-deċiżjoni tiġi approvata. Dan l-abbozz ta' baġit emendatorju jsegwi d-deċiżjoni bażika skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

2. Finanzjament

Wara li vverifikat li ż-żewġ applikazzjonijiet jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibilità tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà għall-ammont ta' EUR 31 255 790 għall-Portugall (għargħar f'Madejra) u EUR 35 635 750 għal Franza (maltempata Xynthia) li jammontaw għal total ta' EUR 66 891 540 mil-livell massimu ta' EUR 1 000 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet. Qiegħed jiġi propost li l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet korrispondenti jiġu riallokati mil-linja baġitarja 06 04 14 03: Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku – Is-sistema Ewropea taż-żona tar-riħ lil hinn mill-kosta.

Dan l-ammont ta' kumpens se jħalli tal-anqas 92% tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea disponibbli biex jiġi allokat matul il-bqija tas-sena.

Għaldaqstant, fl-ABE Nru 9/2010, il-Kummissjoni għamlet il-proposta li ġejja:

Ċifri – Fond ta' Solidarjetà

Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2010		Baġit emendatorju Nru 9		Ammont ġdid	
			CA	PA	CA	PA	CA	PA
13 06	Fond ta' Solidarjetà							
13 06 01	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea — Stati Membri	3.2	13 022 500	13 022 500	66 891 540	66 891 540	79 914 040	79 914 040
	Artikolu 13 06 01		13 022 500	13 022 500	66 891 540	66 891 540	79 914 040	79 914 040

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet tnaqqis korrispondenti fl-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet mil-linja baġitarja 06 04 14 03: Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku – Sistema Ewropea taż-żona tar-riħ lil hinn mill-kosta.

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2010		Baġit emendatorju Nru 9/2010		Ammont ġdid	
			Impenji	ħlasijiet	Impenji	ħlasijiet	Impenji	ħlasijiet
06 04 06 04 14 03	Enerġija konvenzjonali u rinnovabbli Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku – Is-sistema Ewropea taż-żona tar-riħ lil hinn mill-kosta	1.1	280 900 000	253 583 000		-66 891 540	280 900 000	186 691 460

Ir-Rapporteur jipproponi għalhekk li l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 9/2010 propost jiġi

aċċettat.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.11.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 14 - : 1 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Giovanni Collino, Jean-Luc Dehaene, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Ingeborg Gräßle, Carl Haglund, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, László Surján, Derek Vaughan, Jacek Włosowicz